**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 t’ Ottubru 2024**

Rikors Numru: 428/24 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewgu fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008), u dana skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala DOK A,
2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono datat sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), DOK B,
3. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet m'għandhomx ulied u l-ebda manteniment m'hu dovut skond l-att tas-separazzjoni,
4. Illi li l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal iktar minn seba' (7) snin u l-esponenti ma jarax li hemm xi prospett raġonevoli ta' rikonciljazzjoni,

5. Illi b'hekk ir-rekwiżiti tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ, eżistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li din il-Qorti jogħġobha tagħti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Settembru, 2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);
Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.